MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 2/2004

**Joseph Vella**

**v.**

**Bank of Valettla p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-Tribunal Industrijali illi permezz tieghu r-rikorrent, wara illi ppremetta illi huwa kien impjegat mal-kumpanija intimata sakemm tkecca mill-istess impjieg nhar is-17 ta’ Lulju 2003; illi din it-tkeccija ma kinitx ghal raguni tajba u sufficjenti *ai termini* ta’ l-Att ta’ l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Att nru. XXII ta’ l-2002) u dana kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kaz; talab sabiex il-kaz tieghu jinstema’ quddiem dak it-Tribunal skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kaz ta’ l-intimat illi permezz taghha espona:

Illi fil-5 ta’ Novembru, 2003 ir-rikorrent ipprezenta talba quddiem it-Tribunal Industrijali fejn huwa ilmenta illi t-tkeccija tieghu minnu fis-17 ta’ Lulju, 2003 ma kinitx ghal raguni tajba u sufficjenti a tenur tal-ligi;

Illi bir-rispett kollu dan ir-rikors (h)u fost l-aktar rikorsi oxxeni li qat(t) gew ipprezentati qudiem dak it-Tribunal meta wiehed jikkonsidra l-fatti tal-kaz taht ezami u ghandu mhux biss jigi skartat imma ghandu jigi dikjarat illli l-istess rikors huwa frivolu u vessatorju;

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huwa s-segwenti:-

Illi fit-12 ta’ April, 1996 r-rikorrent li kien impjegat ma’ l-intimat kien gie arrestat u sussegwentement akkuzat ta’ pussess ta’ droga kif ukoll ta’ assocjazzjoni ghat-traffikar ta’ l-istess droga u ma nghatax il-libertà provvissorja;

Illi minhabba dan l-intimat issospenda lir-rikorrent mix-xoghol li *del resto* ma setax jaghmel ghax kien taht arrest preventiv u ghal snin twal hallas lir-rikorrent nofs il-paga skond il-Ftehim Kollettiv u dan permezz ta’ ittra datata 26 ta’ Gunju 1996, kopja ta’ liema ittra hija esibita u markata bhala dokument ‘A’;

Illi fis-6 ta’ Awissu 2001, il-Qorti Kriminali sabet lir-rikorrent hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta’ tmin (8) snin prigunerija minn dakinhar u multa ta’ ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) kif ukoll ihallas l-ispejjez peritali u dan kif jirrizulta minn kopja ta’ l-istess sentenza esibita u markata dokument ‘B’;

Illi r-rikorrent appella minn din is-sentenza u fis-17 ta’ Lulju 2003, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali cahdet dan l-appell u kkonfermat fl-intier is-sentenza appellata, kopja tal-istess sentenza qed tigi esibita u markata bhala dokument ‘C’. Sa dakinhar l-intimat baqa’ jhallas nofs paga lir-rikorrent però kif harget is-sentenza finali, ittermina l-impjieg tar-rikorrent bir-ragun kollu u dan permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Lulju 2003, illi kopja taghha hija esebita u markata bhala dokument ‘D’;

Illi r-rikorrent ghadu jiskonta l-piena u ma jistax imur ix-xoghol anke jekk xogholu ma giex terminat;

Illi ghalhekk in vista ta’ dawn il-fatti l-intimat frankament jinsab f’dilemma kbira meta affaccjat b’rikors iffirmat minn rapprezentant tal-*Union* b’talba bhal din odjerna;

Illi l-intimat ma jistax jifhem kif individwu jippretendi illi jinstab hati b’mod definittiv ta’ akkuzi serjissimi ta’ droga u jippretendi illi jibqa’ impjegat mal-Bank intimat, istituzzjoni li dejjem hadem (*sic*) sabiex jipportraja (*sic*) *image* ta’ serjetà u professjonalità;

Illi l-intimat jibqa’ sorpriz kif individwu jippretendi illi jibqa’ fl-impjieg, jircievi nofs paga jew paga shiha meta l-istess individwu qieghed f’impossibilità illi jmur ghax-xoghol bhal persuni normali;

X’inhu f’mohh ir-rikorrent, qieghed jippretendi li jibqa’ fl-impjieg u jigi ghax-xoghol bil-manetti u skortat mill-gwardjani tal-habs?? Fil-fatt l-intimat qieghed kurjuz hafna u jixtieq jigi lluminat mir-rikorrent jew minn min instigah li jaghmel dan ir-rikors vessatorju, kif ir-rikorrent kien u ghadu bi hsiebu li jaghti l-gurnata tax-xoghol tieghu lill-intimat meta jinsab ospitat (*sic*) ta’ l-Istat fil-*Corradino Correctional Facility*;

Illi tant il-kaz huwa ovvju u tant hija gusta t-tkeccija illi lanqas nistghu nimmaginaw x’nistghu nghidu aktar f’dan il-kaz;

Illi dan qieghed jinghat (*sic*) ukoll specjalment ghal fatt illi r-rikorrent, ap(p)arti dan il-kaz odjern kellu aktar minn okkazjoni wahda fejn deher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina ta’ l-intimat fuq diversi *breaches*;

Illi ghalhekk, aktar u aktar, l-istess tkeccija hija mhux biss gusta imma (f)l-opinjoni ta’ l-intimat setghet issir ferm qabel;

Rat il-listi tad-dokumenti u tax-xhieda annessi ma' l-imsemmija dikjarazzjoni tal-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrent illi permezz taghha espona:
Illi huwa kien impjegat ma' l-intimat;

Illi permezz ta' *e-mail* mibghuta minn Johanna Bartolo mill-*HR Department* lil Karmenu Vella datata 21 ta' Lulju 2003 (mmarkata dok. JV 1) gie deciz li jkun hemm l-ahhar seduta ghall-Bord Dixxiplinarju li kien ghaddej minnu (*sic*) ir-rikorrent;

Illi permezz ta' *e-mail* ohra datata 30 ta' Lulju 2003 ghal darb'obra mibghuta minn Johanna Bartolo mill-*HR Department* lil Karmenu Vella (mmarkata dok. JV 2) gie stabbilit arbitrarjament li r-rikorrent kellu jigi mkecci minnufih mis-17 ta' Lulju 2003 a bazi tas-sentenza moghtija minn qorti ta' l-appell u li kkonfermat l-ewwel sentenza;

Illi ghaldaqstant il-Bord Dixxiplinarju li kien ghaddej fil-konfront tar-rikorrent gie mwaqqaf hesrem b'detriment tar-rikorrent;

Illi dan kollu jwassal ghal ksur tal-Ftehim Kollettiv li jirregola l-proceduri ta' dixxiplina li huma applikabbli fil-kaz tar-rikorrent (mmarkat dok. JV 3);

Illi l-istess ftehim kollettiv f'dak li jirrigwarda il-proceduri ta' dixxiplina, jipprovdi li s-socjetà intimata f'dan il-kaz ghandha tibqa' thallas nofs is-salarju lir-rikorrent sakemm il-kaz tieghu jigi deciz (ara dok. JV 3);

Illi l-klawsola 27(1) tal-Ftehim Kollettiv hekk citata fl-*e-mail* tat-30 ta' Lulju 2003, mibghuta minn Johanna Bartolo mill-*HR Department* lil Karmenu Vella giet inkluza fil-ftehim kollettiv fl-20 ta' Novembru 2002 u tapplika biss ghal dawk il-kazi godda ta' dixxiplina wara dik id-data (mmarkata dok. JV4);

Illi ghalhekk il-klawsola li ghaliha qieghdha tirreferi l-kumpanija ma tapplika bl-ebda mod ghar-rikorrent fil-kaz odjern;

Illi ghaldaqstant in vista ta’ dan kollu, it-tkeccija mill-impjieg ta’ Joseph Vella kienet wahda ingusta u mhux sufficjenti f’ghajnejn il-ligi *stante* l-ksur tal-proceduri tad-dixxiplina li sehhew fil-konfront tieghu u ghalhekk qed jintalab umilment lit-Tribunal sabiex jiddikjara din it-tkeccija bhala wahda ingusta kif ukoll jordna li r-rikorrent jerga’ jirresumi l-impjieg tieghu mill-gdid mas-socjetà intimata u jinghata kumpens xieraq u ekwivalenti ghal tliet snin tas-salarju prezenti tieghu;

Rat id-decizjoni tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Jannar, 2004 illi permezz taghha t-Trbunal Industrijali iddecieda hekk:

“Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements of case* tal-partijiet, ra u ezamina iz-zewg Ftehimiet Kollettivi, cioè dak tal-perjodu b’sehh mill-1 ta’ Jannar 1999 sal-31 ta’ Dicembru 2001 u dak tal-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2002 sal-31 ta’ Dicembru 2004, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet sottomessi fuq talba ta’ l-istess Tribunal Industrijali, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, isib li jkun inutili li jisma u jikkunsidra t-talba tal-Appellant Joseph Vella li jikkontendi li l-impjieg tieghu gie tterminat mill-*Bank of Valletta* ingustament, *stante* li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg kienet ghab-bazi ta’ l-Artiklu 27(1) tal-Ftehim Kollettiv vigenti, Artiklu li hu car bizzejjed u li ma jhalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni diversa.

“Wara kollox it-Tribunal Industrijali ghandu wkoll id-dritt li japplika il-kodici tal-organizzazzjoni tal-Procedura Civili [*sic*] fejn u meta jifhem li t-talba ghas-smiegh tal-kaz rriferita lilu tkun ikkunsidrata frivola u vessatorja”;

u dana wara illi kkonsidra hekk:

“It-Tribunal Industrijali jsib li ma hemx divergenza bejn il-partijiet dwar il-kors tal-procedura dixxiplinarja li l-*Bank of Valletta plc* ha fil-konfront ta’ l-Appellant meta dan fis-26

ta’ Gunju 1996 gie sospiz mix-xoghol b’nofs paga u baqa’ jithallas in-nofs paga sas-17 ta’ Lulju 2003 meta l-impjieg tieghu gie tterminat. It-Tribunal Industrijali izda jinnota li d-divergenza bejn il-partijiet hi li l-Appellant irritena li l-Bank kellu jkompli bil-procedura interna dixxiplinarja u ma jitterminax l-impjieg tieghu qabel mal-bord Dixxiplinarju itemm ix-xoghol tieghu; skond *e-mail* tal-21 ta’ Lulju 2003 mibghuta mill-*Human Resources Dept*. tal-Bank fejn kien gie informat li l-kaz tieghu kien sejjer ikompli jinstema’ mill-bord tad-dixxiplina izda t-tkomplija tal-kaz tieghu giet arbittrarjament sopraventata [*sic*] mid-Decizjoni tal-kumitat Ezekuttiv tal-Bank b’*e-mail* tad-30 ta’ l-istess xahar, liema decizjoni kienet tfisser it-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu.

“F’dan ir-rigward it-Tribunal Industrijali ma jara l-ebda irregolarità *stante* li l-Bank kien qieghed japplika l-procedura stipulata fil-Ftehim Kollettiv vigenti.

“Minn naha l-ohra l-bank jirriteni li kull ma ghamel kien li applika klawsola 27(1) ‘*Termination of Employment*’ tal-Ftehim Kollettiv tal-20 ta’ Novembru 2002, liema

Ftehim Kollettiv sar mal-*General Workers Union*.

“Il-fatti juru li l-Appellant baqa jithallas nofs is-salarju skont [*sic*] il-procedura stipulata dixxiplinarja sakemm fis-17 ta’ Lulju 2003 gie tterminat l-impjieg tieghu u dan kien ghal seba’ snin u nofs sakemm il-Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali.

“Ghal kull fini l-Appellant kien baqa’ kkunsidrat impjegat tal-Bank sas-16 ta’ Lulju 2003 u kien meqjus ghal kull fini bhala impjegat tal-bank sa din id-data u suggett ghal kontenut u d-disposizzjonijiet taz-zewg Ftehimiet Kollettivi l-antik b’effett mill-1 ta’ Jannar 1999 sal-31 ta’ Dicembru 2001 u l-Ftehim il-gdid b’effet[t] mill-1 ta’ Jannar 2002 sal-31 ta’ Dicembru 2004. F’dan ir-rigward ma tidher l-ebda rizerva fit-tieni Ftehim li l-appellant kien ezentat minn xi klawsola, li l-klawsola 27(1) ‘*Termination of Employment*’ ma kinitx applikabbli fil-kaz tieghu. Li l-Appellant kien suggett ghall-passi dixxiplinarji kif stipulati fil-Ftehim Kollettiv tal-1 ta’ Jannar 1999 sal-31 ta’ Dicembru 2001

ma hemmx dubbju u lanqas ma jista' jkun hemm dubbju li kien ukoll suggett ghad-decizjoni tal-bank li tterminalu l-impjieg skond l-ahhar [*sic*] 27(1) tal-Ftehim Kollettiv segwenti *in vigore* minn l-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Dicembru 2004.

"It-Tribunal Industrijali ma jara l-ebda raguni valida l-ghala l-Appellant isostni li l-bank ghandu jkompli l-proceduri dixxiplinarji nterni meta l-Artiklu 27(1) hu car bizzejjed.

"Lanqas ma hu argument validu li l-Appellant per ragunar zbaljat jghid li l-kaz tieghu ma jaqax taht l-ahhar Ftehim Kollettiv.

"It-Tribunal Industrijali ma jistax jara b'liema raguni l-Appellant jargumenta li ma jaqax taht il-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv vigenti.

"Irid it-Tribunal Industrijali jirrimarka li hu ben konxju li skond l-Artiklu 78(3) tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali 'ghandu jiehu hsieb li jizgura li l-gudizzju jsir skond il-meriti tal-kaz u bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali'.

"Fil-fehma meqjusa tat-Tribunal il-gustizzja naturali ma tapplikax biss ghall-Appellant izda ukoll ghas-Socjetà, f'dan il-kaz il-Bank. It-Tribunal Industrijali huwa wkokk intiz li d-decizjoni tieghu tista' tkun suggetta ghal riezaminazzjoni mill-Qorti Civili ghab-bazi ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni minn naha tat-Tribunal, kif ukoll jezisti d-dritt ta' appell fuq punt tal-Ligi skond l-Artiklu 75(1)(a) u (b) ta' l-istess Ligi jekk dan ikun il-kaz.

"It-Tribunal Industrijali hu ferm ivversjat dwar l-irbit li jesigi Ftehim Kollettiv u f'dan ir-rigward ghandu ghax jifhem li l-Appellant ghandu jaqbel li t-Tribunal Industrijali ma jistax iwarrab l-Artiklu 27(1) fejn b'mod l-aktar car u minghajr tlaqliq jiddikjara x'ghandu jsir f'kazi bhal tieghu.

"It-Tribunal Industrijali ta l-akbar kunsiderazzjoni metakoluza lil dawn il-punti kollha u hu sodisfatt li l-

Appellant ma giex ittrattat ingustament mill-Bank fl-ezekuzzjoni tad-decizjoni.

“Tajjeb li l-Appellant izomm quddiem ghajnejh li t-tkomplija tal-bord tad-dixxiplina bilfors kellha tkun sopraventa [*sic*] bis-sehh tal-Artiklu 27(1) tal-Ftehim Kollettiv vigenti, qatt ma setghet tbiddel id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell li fil-fatt fis-sustanza taghha barra li sabitu hati ta’ reat serju u kkundannatu ghall-perjodu prigunerija sostanzjali, irrenditlu l-fakultà li jirrapporta ghax-xoghol mal-Bank impossibbli.

“Lanqas kieku ghall-grazzja ta’ l-argument it-Tribunal Industrijali kellu jilqa t-talba ta’ l-Appellant biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu minn mal-Bank kienitx ingusta, it-Tribunal qatt ma seta’ jkun f’posizzjoni li jsostni decizjoni li tammonta ghall-assenza twila mix-xoghol ta’ l-Appellant u dan minhabba l-kontenut tal-Artiklu 27(1) tal-Ftehim Kollettiv vigenti.”

Rat ir-rikors ta’ appell tar-rikorrent illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi dina l-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tat-23 ta’ Jannar 2004 moghtija mit-Tribunal Industrijali, u konsegwentement tilqa’ t-talbiet ta’ l-appellant, jew fin-nuqqas, prevja dikjarazzjoni li l-istess sentenza hija nulla u inattendibbli, tibghat l-atti lura lit-Tribunal Industrijali sabiex dan jiddeciedi l-kaz skond il-ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellati (*sic*);

Rat ir-risposta ta’ l-intimat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi l-appell jigi skartat (*sic*) bl-ispejjez kontra l-appellant;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju principali ta’ l-appellant Joseph Vella kontra d-decizjoni appellata huwa illi din id-decizjoni hija nulla

ghaliex permezz taghha gie deciz il-meritu tal-kaz minghajr ma huwa inghata smigh xieraq mit-Tribunal Industrijali;

Ikkunsidrat:

Illi huwa utili illi, qabel xejn, jigi precizat x'kellu jigi deciz permezz tad-decizjoni appellata. Din il-precizazzjoni tinsab fis-segwenti silta mill-verbal ta' l-udjenza illi zamm it-Tribunal Industrijali fit-tnax (12) ta' Dicembru, 2003 (fol. 50):

"Il-partijiet gew mitluba mit-Tribunal biex jghamlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar jekk it-Tribunal ghandux jisma' l-kaz u dan sa nhar l-Erbgha 31 ta' Dicembru 2003 sabiex it-Tribunal ikun jista' jaghti decizjoni preliminarja [*sic*] dwar jekk ghandux jisma l-kaz" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Mis-silta appena citata jemergu s-segwenti zewg (2) konkluzjonijiet:

(i) jidher illi t-Tribunal Industrijali ssolleva l-kwistjoni ta' "jekk ghandux jisma' l-kaz" *ex ufficio* u mhux fuq talba tal-partijiet jew ta' xi wahda minnhom;

(ii) id-decizjoni appellata kellha tkun biss dwar il-kwistjoni sollevata *ex ufficio* kif jinghad f'(i) hawn fuq;

Dina l-Qorti ma tistax tasal sabiex tifhem x'immotiva lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddubita jekk ghandux jisma' l-kaz jew le. Dan qed jinghad ghaliex, fil-fehma ta' dina l-Qorti, *ai termini* ta' l-Artikolu 75 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), it-Tribunal Industrijali kellu l-obbligu illi jisma' l-kaz già la darba saret it-talba lilu illi tinsab a fol. 1 tal-process;

Dan premess, issegwi b'mod ovvju u logiku l-mistoqsija: x'gie determinat permezz tad-decizjoni appellata? Ir-risposta ghal din il-mistoqsija tinsab fis-segwenti silta mid-decizjoni appellata (fol. 63 u 64):

"Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements of case* tal-partijiet, ra u ezamina iz-zewg Ftehimiet Kollettivi, cioè dak tal-perjodu b'sehh mill-1 ta' Jannar 1999 sal-31 ta' Dicembru 2001 u dak tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Dicembru 2004, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet sottomessi fuq talba ta' l-istess Tribunal Industrijali, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, isib li jkun inutili li jisma u jikkunsidra t-talba tal-Appellant Joseph Vella li jikkontendi li l-impjieg tieghu gie tterminat mill-*Bank of Valletta* ingustament, *stante* li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet ghab-bazi ta' l-Artiklu 27(1) tal-Ftehim Kollettiv vigenti, Artiklu li hu car bizzejjed u li ma jhalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni diversa.

"Wara kollox it-Tribunal Industrijali ghandu wkoll id-dritt li japplika il-kodici tal-organizzazzjoni tal-Procedura Civili [*sic*] fejn u meta jifhem li t-talba ghas-smiegh tal-kaz rriferita lilu tkun ikkunsidrata frivola u vessatorja" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fil-fehma ta' dina l-Qorti mill-partijiet mis-silta appena citata mid-decizjoni appellata illi gew minnha sottolineati jirrizulta b'mod car illi it-Tribunal Industrijali, permezz ta' l-istess decizjoni, mhux biss ippronunzja ruhu dwar jekk ghandux jisma' l-kaz izda ippronunzja ruhu ukoll dwar il-meritu tal-kaz. Però, kif già inghad f'dan il-gudikat, waqt l-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2003, it-Tribunal Industrijali mhux hekk qal illi sejjer jaghmel. Qal illi sejjer jiddeciedi l-kwistjoni preliminari - sollevata minnu *ex ufficio* - "dwar jekk ghandux jisma' l-kaz". Fi kliem iehor, permezz tad-decizjoni appellata it-Tribunal Industrijali ma setax jiddetermina - kif fil-fatt iddetermina - il-meritu tal-kaz illi kellu quddiemu. Ghalhekk, minhabba l-fatt biss illi permezz tad-decizjoni appellata gie determinat il-meritu tal-kaz, l-aggravju in ezami ta' l-appellant jimmerita akkoljiment, u dana billi id-decizjoni appellata tigi annullata. Tajjeb illi jinghad ukoll illi huwa opportun illi d-decizjoni appellata tigi dikjarata nulla meta jigi konsidrat illi l-appellant ghandu ragun jghid fir-rikors ta' appell illi l-meritu tal-kaz gie deciz minghajr ma huwa inghata l-opportunità mit-Tribunal Industrijali illi jittratta l-kas tieghu

fil-meritu, bi ksur tar-regola tal-gustizzja naturali *audi alteram partem* (ara Artikolu 78(3), Kap. 452);

Tajjeb illi jinghad ukoll illi mis-silta tad-decizjoni appellata illi ghadha kemm giet citata din il-Qorti tiddeduci illi it-Tribunal Industrijali ddecieda illi ma ghandux "jisma' u jikkunsidra" l-kaz odjern ghaliex deherlu illi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12, jaghtih id-dritt illi jiddikjara l-kas frivolu u vessatorju. Sfortunatament, it-Tribunal Industrijali ma indikax liema provvediment tal-Kap. 12 jaghtih dan id-dritt. Fil-fehma ta' dina l-Qorti fil-Kap. 12 ma hemmx tali provvediment; dan qed jinghad filwaqt illi dina l-Qorti hija konxja minn dak illi jipprovdi l-Artikolu 223(4) dwar il-kap ta' l-ispejjez tal-kawza "Fil-kazijiet ta' appelli fiergha u vessatorji" (sottolinear ta' dina l-Qorti). Ghall-kompletezza, tajjeb illi jigi osservat - ghalkemm mhux strettament mehtieg - illi l-Kap. 452 jikkontempla l-kaz ta' vessatorjetà; dan, però, ghar-rigward biss ta' proceduri migjuba quddiem it-Tribunal Industrijali *ai termini* ta' l-Artikolu 83 ta' l-istess Kap. 452; il-proceduri odjerni ma humiex tali. Anke ghar-raguni moghtija f'dan il-paragrafu d-decizjoni appellata ghandha tigi dikjarata nulla;

Ikkunsidrat:

Illi peress illi d-decizjoni appellata sejra tigi dikjarata nulla hemm il-htiega illi l-atti jigu rinvijati lit-Tribunal Industrijali sabiex dan jaghti d-decizjoni tieghu skond il-ligi wara illi jisma' l-kaz. Konsegwentement, huwa ovvju illi mhux indikat illi dina l-Qorti tinvesti t-tieni (2) aggravju ta' l-appellant, liema aggravju jirrigwarda l-meritu tal-kaz;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tiddikkjara d-decizjoni appellata nulla u billi tordna illi l-atti jigu rinvijati lit-Tribunal Industrijali ghas-smigh u determinazzjoni tal-kaz skond il-ligi;

Tordna illi l-ispejjez kollha, kemm ta’ l-ewwel istanza, jekk hemm, u kemm ta’ din l-istanza, jigu sopportati mill-intimat appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------